VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,352, 5 ta' Diċembru, 2014
Taqsima B

A.L. 446 tal-2014

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni tal-2014 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Ordni Nru. 6)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2014 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Ordni Nru. 6).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-18 ta' Novembru, 2014.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Blokk, magħruf bħala Blokk D, Entraturi A, B u C li jikkonsisti fi tmintax-il *flat* li minnhom tnejn qed jiġu eskluż mit-trasferiment minħabba li diġà kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq Fuq tal-Ħawli, Birgu. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' Triq il-Mons. Pawlu Galea, mil-Lbiċ ma' Triq il-Qalb ta' Ġesu u mix-Xlokk ma' Triq Fuq tal-Ħawli. Il-*flats* enumerati 2 sa 6, Entratura A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70041 sa 70045, il-*flats* enumerati 1 sa 6, Entratura B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70046 sa 70051 u l-*flats* enumerati 2 sa 6, Entratura C jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70053 sa 70057. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 60/76 datat 21 ta' Marzu 1979 u b'Kuntratt Nru. 209/76G datat 7 ta' Lulju 1976, it-tnejn fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block D" fuq il-pjanta P.D. 2013_668. (HAA 100/2013, HAA 101/2013, HAA 102/2013).

(2) L-amministrazzjoni ta' sitt *flats* fi Blokk K fi Triq il-Laqxija, Birkirkara u dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' Triq il-Laqxija, mil-Lbiċ u mix-Xlokk ma' passaġġ pubbliku. Il-*flats* enumerati 1 sa 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 75650 sa 75655. L-art li fuqha jinsab dan il-blokk tinsab fil-proċess li tiġi akkwistata mill-Gvern u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block K" fuq il-pjanta P.D. 2013_748. (HAA 9/2013).

(3) Blokk, magħruf bħala Blokk 3, li jikkonsisti fi tmien *flats* li minnhom tnejn qed jiġu eskluż i mit-trasferiment minħabba li diġà kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Fosos, Furjana. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ, mill-Grigal u mill-Majjistral ma' passaġġi pubbliċi. Il-*flats* enumerati 1 u 2 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 66527 u 66528 rispettivament u l-*flats* enumerati 4 sa 7 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 66530 sa 66533. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 234 datat 18 ta' Settembru 1963 fl-atti tan-Nutar A. Attard u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block 3" fuq il-pjanta P.D. 2013_187. (HAA 172/2012).

(4) Blokk, magħruf bħala Blokk 5, Bibien 1 u 2 jikkonsistu f'sittax il-*flat* li minnhom tnejn qed jiġu eskluż i mit-trasferiment minħabba li diġà kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq ix-Xatt, Gżira. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern, mill-Majjistral ma' passaġġ pubbliku u mix-Xlokk ma' Triq ix-Xatt. Il-*flats* enumerati 2 sa 8, Bieb 1 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 75262 Gvern bħala *Tenements* bin-numri 75269 sa 75274 u l-*flat* enumerat 8, Bieb 2 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 75276. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 50064 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat fuq il-pjanta P.D. 2014_695. (HAA 259/2012, HAA 172/2013).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(5) Erba' blokkijiet, magħrufin bħala Blokks K, L, M u N f'tar-Rabbat, Ħamrun kif ġej:

(a) Blokk K jikkonsisti fi tmien *flats* li minnhom tnejn qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li diġà kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti. Il-*flats* enumerati 3 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69685 sa 69689;

(b) Blokk L jikkonsisti fi tmien *flats* reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69690 sa 69697;

(ċ) Blokk M jikkonsisti fi tmien *flats* reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69698 sa 69705; u

(d) Blokk N jikkonsisti fi tmien *flats* reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69706 sa 69713.

Is-sit imiss mil-Lvant ma' Triq Giovanni Barbara, mit-Tramuntana ma' spazju miftuħ u mill-Punent ma' Triq Wenzinu Mifsud Bonnici. L-art li fuqha jinsabu dawn il-blokkijiet hi proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 69/79 datat 28 ta' Marzu 1979 fl-atti tan-Nutar A. Grech u b'Kuntratt Nru. 14/81 datat 14 ta' Jannar 1981 fl-atti tan-Nutar F. Pellegrini u s-sit sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block K", "Block L", "Block M", "Block N" fuq il-pjanta P.D. 2014_56. (HAA 167/2013, HAA 168/2013, HAA 25/2011, HAA 217/2013).

(6) Biċċa art, magħrufa bħala Plot 54 fi Triq Napuljun Caruana Dingli, Ta' Pennellu, Mellieħa, ta' madwar 164 metru kwadru u li tmiss mil-Lbiċ ma' Triq Napuljun Caruana Dingli, mill-Majjistral ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar u mill-Grigal ma' passaġġ pubbliku. L-art hi soġġetta għal ċens temporanju b'Kuntratt Nru. 31/70 datat 31 ta' Jannar 1970 fl-atti tan-Nutar A. Grech. L-art tinsab fuq parti minn proprjetà tal-Gvern li kienet qabel reġistrata bħala Tenement Nru. Z50222 port. 3 u tinsab reġistrata fl-atti tad-Direttorat għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement Nru. 65697 u tinsab delineata bl-aħmar u mmarkata "P. 54" fuq il-pjanta L.D. 383/91/7. (HAP 1/2014).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(7) Garaxx, f'blokk magħruf bħala Proġett ta' Ġnien ix-Xajba fi Triq Ġnien Ingraw, Mellieħa u jmiss mil-Lvant ma' Triq il-Mitħna l-Ġdida, mit-Tramuntana ma' Triq Ġnien Ingraw u min-Nofsinhar ma' proprjetà privata. Dan il-garaxx jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 76927 u jinsab fuq art tal-Gvern li qabel kienet art moxa 288 u jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "76927" fuq il-pjanta L.D. 219/92. (HA 39/2014).

(8) Blokk, magħruf bħala Blokk D, Bieb 1 li jikkonsisti fi tmien *flats* li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li diġà kien trasferit b'avviż legali preċedenti, fil-Qasam tad-Djar Għajn Kajjet, ir-Rabat. Dan il-blokk imiss mix-Xlokk, mill-Grigal u mill-Majjistral ma' passaġġi pubbliċi. Il-*flats* enumerati 1 sa 3 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69860 sa 69862 u l-*flats* enumerati 5 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69864 sa 69867. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 90/77 datat 13 ta' April 1977 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block D, door 1" fuq il-pjanta P.D. 2014_77. (HAA 140/2011).

(9) Blokk, magħruf bħala Blokk D, Bieb 2 li jikkonsisti fi tmien *flats* li minnhom tnejn qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li diġà kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fil-Qasam tad-Djar Għajn Kajjet, ir-Rabat. Dan il-blokk imiss min-Nofsinhar u mit-Tramuntana ma' passaġġi pubbliċi u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern. Il-*flats* enumerati 1 u 2 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 67257 u 67258 rispettivament u l-*flats* enumerati 4 sa 7 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 67260 sa 67263. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 90/77 datat 13 ta' April 1977 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block D, door 2" fuq il-pjanta P.D. 2014_74. (HAA 29/2013).

(10) Blokk, magħruf bħala Blokk D, Bieb 3 li jikkonsisti fi tmien *flats* li minnhom erbgħa qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li diġà kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fil-Qasam tad-Djar Għajn Kajjet, ir-Rabat. Dan il-blokk imiss min-Nofsinhar u mit-Tramuntana ma' passaġġi pubbliċi u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern. Il-*flat* enumerat 1 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 67265, il-*flats* enumerati 5 u 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 67269 u 67270 rispettivament u l-*flat* enumerat 8 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 67272. Dan il-

VERŻJONI ELETTRONIKA

blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 90/77 datat 13 ta' April 1977 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block D, door 3" fuq il-pjanta P.D. 2014_78. (HAA 30/2013).

(11) Blokk, magħruf bħala Blokk D, Bieb 4 li jikkonsisti fi tmien *flats* li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li diġà kien trasferit b'avviż legali preċedenti, fil-Qasam tad-Djar Għajn Kajjet, ir-Rabat. Dan il-blokk imiss min-Nofsinhar u mit-Tramuntana ma' passaġġi pubbliċi u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern. Il-*flats* enumerati 1 u 2 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 67273 u 67274 rispettivament u l-*flats* enumerati 4 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 67276 sa 67280. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 90/77 datat 13 ta' April 1977 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block D, door 4" fuq il-pjanta P.D. 2014_79. (HAA 31/2013).

(12) Blokk, magħruf bħala Blokk D, Bieb 5 li jikkonsisti fi tmien *flats* li minnhom sebgħa qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li diġà kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fil-Qasam tad-Djar Għajn Kajjet, ir-Rabat. Dan il-blokk imiss min-Nofsinhar u mit-Tramuntana ma' passaġġi pubbliċi u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern. Il-*flat* enumerat 7 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 67287. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 90/77 datat 13 ta' April 1977 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block D, door 5" fuq il-pjanta P.D. 2014_93. (HAA 32/2013).

(13) Blokk, magħruf bħala Blokk 1, Bibien A u B li jikkonsistu f'sittax-il *flat* li minnhom sebgħa qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li diġà kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq l-Ewkaliptus, San Ġwann. Dan il-blokk imiss mil-Lvant ma' Triq it-Tamar, mill-Punent ma' Triq l-Ewkaliptus u mit-Tramuntana ma' passaġġ pubbliku. Il-*flats* enumerati 6 sa 8, Bieb A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 71381 sa 71383, il-*flats* enumerati 9 u 10, Bieb B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 71384 u 71385 rispettivament, il-*flats* enumerati 12 u 13 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 71387 u 71388 rispettivament u l-*flats* enumerati 15 u 16 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 71390 u 71391 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 181/70 datat 27 ta' Ġunju 1970 u b'Kuntratt Nru. 21/81 datat 18 ta' Frar 1981, it-tnejn fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ

VERŻJONI ELETTRONIKA

jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2014_436. (HAA14/2014, HAA15/2014).

(14) Blokk, magħruf bħala Sacred Heart li jikkonsisti f'żewġ *flats* u tlett garaxxijiet fi Triq il-Qalb ta' Ġesu, San Pawl il-Baħar u ġew akkwistati mill-Gvern b'Kuntratt Nru. 226 datat it-2 ta' Ottubru, 2012 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, kif ġej:

(a) il-*flats* enumerati 3 u 5 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri J20925 u J20926 rispettivament u t-tnejn huma aċċessibbli minn erjas komuni mill-pjan terran u l-ewwel sular hekk kif muri bl-isfar fuq il-pjanta P.D. 2012_797_1. Dawn il-*flats* imissu mit-Tramuntana u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' terzi u mil-Lbiċ ma' Triq il-Qalb ta' Ġesu; u

(b) il-garaxxijiet enumerati 14, 15 u 20 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri J20927, J20928 and J20929 rispettivament u jinsabu kollha fis-sotterran u delineati bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2012_797. Il-garaxxijiet enumerati 14 u 15 imissu mit-Tramuntana ma' *driveway* komuni, mil-Lvant ma' proprjetà ta' terzi u mil-Lbiċ ma' Triq il-Qalb ta' Ġesu. Il-garaxx enumerat 20 imiss mit-Tramuntana ma' *driveway* komuni, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà ta' terzi. (HAA 109/2014).

(15) Blokk, magħruf bħala Blokk H li jikkonsisti f'sittax il-*flat* li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li diġà kien trasferit b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Lellux, Santa Luċija. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' Triq il-Lellux, mil-Lbiċ ma' Triq l-Għansar u mix-Xlokk ma' Triq Maria de Dominicis. Il-*flat* enumerat 1 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 68344 u l-*flats* enumerati 3 sa 16 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 68346 sa 68359. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 91/97 datat 10 ta' Awwissu 1978 fl-atti tan-Nutar A. E. Borg Barthet u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block H" fuq il-pjanta P.D. 2014_430. (HAA 35/2014, HAA 36/2014).

(16) Blokk, magħruf bħala Blokk A, Bibien A u B jikkonsistu f'sittax-il *flat* li minnhom tlieta qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li diġà kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq it-Tursin il-Bir, Santa Luċija. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' Triq il-Peprin, mil-Lbiċ ma' Triq it-Tursin il-Bir u mill-Grigal ma' Triq Inez Soler. Il-*flats*

VERŻJONI ELETTRONIKA

enumerati 1 sa 3, Bieb A, jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 66577 sa 66579, il-*flats* enumerati 5 sa 8, Bieb A, jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 66581 sa 66584, il-*flats* enumerati 9 sa 13, Bieb B, jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 66585 sa 66589 u l-*flat* enumerat 16 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 66592. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 136/61 datat 2 ta' Settembru 1961 u fuq art li qabel kienet tifforma parti minn passaġġ pubbliku u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block A" fuq il-pjanta P.D. 2013_606. (HAA 57/2009, HAA 128/2014).

(17) Blokk, magħruf bħala Blokk C1 jikkonsisti fi tmien *flats* li minnhom ħamsa qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li diġà kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Prinċipessa Margerita, Ta' Xbiex. Dan il-blokk imiss mil-Lvant ma' Triq il-Kosbor, mit-Tramuntana ma' Triq il-Prinċipessa Margerita u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern. Il-*flats* enumerati 4, 6 u 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69195, 69197 u 69199 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 52/78/G datat 15 ta' Marzu 1978 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Blk C1" fuq il-pjanta P.D. 2013_607. (HAA 139/2013).

(18) Żewġ blokkijiet, magħrufin bħala Blokkijiet A u C f'Tarxien. Iż-żewġ blokkijiet jinsabu fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 51340 u jinsabu delineati bl-aħmar u mmarkati "Block A" u "Block C" fuq il-pjanta P.D. 2013_632 kif ġej:

> (a) Blokk A jikkonsisti fi tmien *flats* li minnhom sitta qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li diġà kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, u jmiss mill-Majjistral ma' Triq Annetto Caruana, mil-Lbiċ ma' Triq Gananton Tanti u mix-Xlokk ma' spazju miftuħ. Il-*flats* enumerati 5 u 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70263 u 70266 rispettivament; u
>
> (b) Blokk C jikkonsisti fi tmien *flats* li minnhom ħamsa qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li diġà kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, u jmiss mil-Lbiċ ma' Triq Ġananton Tanti u mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' spazju miftuħ. Il-*flats* enumerati 1, 5 u 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 70275, 70279 u 70280 rispettivament. (HAA 20/2013, HAA 98/2013).

(19) Biċċa art magħrufa bħala Plot 143 u sit fi Triq il-Ward, Żabbar u tinsab fuq parti minn proprjetà tal-Gvern li qabel kienet p/o Tenement Nru. 50786 port 16th, kif ġej:

(a) Plot 143 għandu erja ta' madwar 168.58 metru kwadru u jmiss min-Nofsinhar ma' Triq il-Ġiżimina, mill-Punent ma' Triq il-Ward u mit-Tramuntana ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar. Dan il-plot hu soġġett għal ċens perpetwu b'Kuntratt Nru. 342/79/P datat 11 ta' Settembru 1979 fl-atti tan-Nutar F. Pellegrini. Dan il-plot jinsab reġistrat fl-atti tad-Direttorat għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement Nru. 40958 u jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "P. 143" fuq il-pjanta L.D. 37/81/36; u

(b) is-sit li jinsab wara Plot 143 għandu erja ta' madwar 35 metru kwadru u jmiss min-Nofsinhar ma' Triq il-Ġiżimina, mill-Punent ma' Plot 143 u mit-Tramuntana ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar. Dan is-sit hu soġġett għal ċens perpetwu b'Kuntratt Nru. 96 datat 4 ta' Ġunju 2003 fl-atti tan-Nutar V. Miceli. Dan is-sit jinsab reġistrat fl-atti tad-Direttorat għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement Nru. 42027 u jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "G" fuq il-pjanta L.D. 37/81/36. (HAP 3/2012).

(20) Blokk, magħruf bħala Blokk B1 li jikkonsisti f'sitt *flats* li minnhom erbgħa qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li diġà kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq Ġanni Bonnici, Żebbuġ. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' spazju miftuħ, mill-Punent ma' Triq Ġanni Bonnici u mix-Xlokk ma' passaġġ pubbliku. Il-*flats* enumerati 2 u 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 72021 u 72025 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 67/79 datat 28 ta' Marzu 1978 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK B1" fuq il-pjanta P.D. 2014_73. (HAA 175/2013).